Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 152/2009

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Numru: 152/2009 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Perit Conrad Thake**
**(ID 618481M)**

**vs**

**Anna Zarb**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz ipprezentat mir-rikorrent fl-24 ta' April 2009 fejn huwa talab lil dina l-Qorti tikkundanna lill-intimata thallsu dik is-somma li din il-Qorti, ai termini ta’ l-artikolu 28 tal-Kap 248, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta hija fl-ittra taghha datata 7 ta' Marzu 2009 mibghuta lill Ethics Committee tal-Kamra tal-Periti b' kopja lill-Prim Ministru ta' Malta u lix-Shadow Minister, qalet: "*We would appreciate if you take the necessary steps to see that the public is treated fairly and stop what we consider fiddling behind the scene. ... We were betrayed. ... We expect more professionalism from people who are trusted by the Prime Minister with such appointments, Mr C Thake should have been the one to ask for this Appeal to be heard by another board not our lawyer. ... Mr C Thake should not use the position he was trusted with to gain advantage for his client*" f'liema ittra hija ghamlet allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur bil-ghan illi ttelliflu jew tnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu u li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama ta' l-attur u li jesponuh ghar-redikolu u disprezz tal-pubbliku, meta insinwat b'dan il-kliem li l-attur kien qed jaghmel atti illeciti kontra l-etika professjonali u l-procedura fi twettieq tad-dmir tieghu bhala membru tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, meta dan huwa ghal kollox inveritjer pero xorta wahda ghazlet illi tghidhom.

Rat ir-risposta ta' Anna Zarb ipprezentata fid-29 ta' Mejju 2009 fejn laqghet ghall-allegazzjonijiet maghmulha kontra taghha billi eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti mhijex passabbli ghall-azzjoni ta' libell civili peress li l-ittra tas-7 ta' Marzu 2009 tammonta ghal rapport legittimu lill-awtoritajiet kompetenti u in kwantu tali koperat mill-privilegg jew kwazi privilegg u ghalhekk l-istess ecipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, minghajr pregudizzju, u subordinament ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ittra tas-7 ta' Marzu 2009 m'hijiex libelluza u

lanqas malafamanti fil-konfront ta' l-attur billi tikkontjeni biss fatti veri u li jigu ppruvati u/jew kritika li tikkonsisti f'fair comment dwar sitwazzjoni partikolari li tikkostitwixxi kummenti accettabbli f'socjeta demokratika, kemm skond il-Ligijiet ta’ l-Istampa kif ukoll skond il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u Drittijiet tal-Bniedem;

3. Illi, minghajr pregudizzju, u subordinament ghas-suespost, imkien mill-ittra msemmija ma jirrizulta l-animus injuriandi rikjest mill-Ligi. L-ittra ma tista bl-ebda mod tigi interpretata bhala malafamanti jew li toffendi r-reputazzjoni ta’ l-attur u dana tenut kont tal-kontenut ta’ l-ittra inniffisha u tac-cirkostanzi illi wasslu ghall-ittra.

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit tal-**Perit Conrad Thake** ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2009 kif ukoll in viva voce, in kontro ezami, fis-27 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit tal-**Perit Saviour Borg** ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' **Charles Schembri** ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' **Dr Ian Spiteri Bailey** ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' **Carmenrita Bugeja** ipprezentata fil-15 ta' Gunju 2009.

Rat illi fil-15 ta' Gunju 2009 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellhux aktar provi.

Rat ix-xhieda ta' **Anna Zarb** moghtija viva voce fis-27 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Vincent Cassar** moghtija viva voce fl-24 ta' Ottubru 2011

Rat l-ittra mibghuta lill-Ethics Committee tal-Kamra tal-Periti datata 7 ta' Marzu 2009, li kopja taghha intbghatet

lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi u lix-Shadow Minister Roderick Galdes.

Rat id-dokumentazzjoni kopjuza pprezentata miz-zewg partijiet, u partikolarment il-verbal ta-seduta tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mizmuma fis-27 ta' Frar 2009 fl-Appell Numru 280/08, esebit bhala Dok ZJ a fol 80 tal-process.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-fatti tal-kaz illi r-rikorrent, li huwa Perit u jopera fil-kwalita personali tieghu f'tali kariga, ghandu wkoll il-kariga ukoll ta' Membru tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar.

Jirrizulta illi, fost il-klijenti personali tieghu, huwa kellu wkoll lil Carmenrita Bugeja, illi ghandha residenza gewwa San Gwann, biswit ir-residenza ta’ l-intimata Anna Zarb.

Jirrizulta illi, mument minnhom, ir-rikorrent gie mitlub minn Carmenrita Bugeja sabiex japplika ghal xi alterazzjonijiet fil-propjeta taghha, liema alterazzjonijiet, madanakollu, ma kienux accettabbli mill-intimata Anna Zarb, li kienet oggezzjonat ghal tali permess.

Jirrizulta illi l-permess attwalment inhareg, Permess Nru 3251/08, u l-intimata Anna Zarb appellat minn tali ghoti ta' permess, u dana permezz ta' Appell Nru 280/08.

Jirrizulta illi tali appell gie appuntat quddiem il-Bord illi fih kien membru ir-rikorrent u ghalhekk, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2009, il-Bord astjena milli jkompli jisma il-kaz u ordna illi tali kaz jinstema minn Bord iehor.

Jirrizulta illi, bhala rizultat ta' tali fatt u tad-dewmien illi dana kien ser jirrekalha, l-intimata hassitha aggravata minn tali fatti u ghalhekk, permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu 2009, kitbet lil Ethics Committee tal-Kamra tal-Periti fejn wriet ir-rabja kollha taghha ghal dak li gara u ghal agir tar-rikorrenti u allegat li l-istess rikorrent kien

qieghed jabbuza bil-posizzjoni tieghu biex jiggwadanjaw il-klijenti tieghu. Kopja ta' tali ittra intbghatet ukoll lill-Prim Ministru u lix-Shadow Minister.

Jirrizulta illi permezz ta' decizjoni ta’ l-Ethics Committee moghtija fl-10 ta' Jannar 2011, il-Bord stqarr li:-

"The Board is of the opinion that in the circumstances Perit Conrad Thake acted correctly and that furthermore there is no case against him. The Board dismisses the case"

**Ikkunsidrat**

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta li l-ftit jiem qabel ma kellha ssir is-seduta tal-Bord tal-Appell tas-27 ta' Frar 2009, ir-rikorrent gharraf lis-segretarju tal-Bord, ossija lil Charles Schembri illi huwa kellu kunflitt ta' interess fl-appell interpost minn Anna Zarb u ghalhekk huwa kien ser jitlob li jasteni mill-kaz in kwistjoni.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda taz-zewg membri l-ohra ta’ l-istess Bord, ossija Dr Ian Spiteri Bailey u l-Perit Saviour Borg, illi dakinhar li ssejhet il-kawza quddiem il-Bord, ir-rikorrent iddikjara mal-ewwel illi huwa kellu kunflitt ta' interess fil-kawza u ghalhekk talab illi jastjeni mill-kaz in kwistjoni.

Jirrizulta illi tali talba ghal astensjoni, ghalkemm mhux indikata min attwalment talabha, kienet riflessa fil-verbal tal-Bord stante illi vverbalizzat li :-

"Peress illi jezistu ragunijiet validi fil-Ligi sabiex dan l-appell jinstema' mill-Bord diversament kompost ... "

Dana ma jirriflettix dak illi allegat l-intimata, ossija illi r-rikorrent astjena biss wara illi gie rilevat mill-Avukat taghha li r-rikorrent kellu interess fl-appell u ghalhekk kellu jirrekuza ruhu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ittra taghha tas-7 ta' Marzu 2009, l-intimata ghaddiet biex taghmel varji kummenti dwar r-rikorrent fosthom:-

"We are betrayed. There is no way anyone can convince us that Mr Thake did not know that one of the cases was his application"

"Doesn't this create a conflict of inteset when architects are on Boards while carrying out private practices? We expect more professionalism from people who are trusted by the Prim (sic) Minister with such appointments. Mr C Thake should have been the one to ask for this Appeal to be heard by another board not our lawyer"

"All we want is to be treated fairly, reasonable and equitable. Mr C Thake should not use the position he was trusted with to gain advantage for his client."

Illi huwa car li tali kummenti kienu lkoll indirizzati lejn l-agir tar-rikorrenti u lejn il-mod kif, skond l-intimata, huwa agixxa.

Illi huwa car ukoll illi tali kummenti huma lkoll libelluzi peress illi qieghdin jallegaw li r-rikorrent qieghed jibbenefika mill-posizzjoni tieghu u qieghed jghin lill-klijenti tieghu a skapitu ta' terzi persuni, fosthom l-intimata stess.

**Ikkunsidrat**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-intimata taghmel referenza estensiva ghas-sentenza '**Angelo Spiteri vs Joseph Bugeja**' deciza mill-Prim Awla tal-Qorti fl-1 ta' Ottubru tas-sena 2001.

Illi tali sentenza, ghandu jinghad, tintroduci il-kuncett ta' privilegg kwalifikat kif ikkunsidrata mill-Qrati Inglizi u l-kittieba, fosthom Gatley, liema kuncett dina l-Qorti gia kellha l-opportunita illi timplimenta f'sentenzi ohra.

Illi, madanakollu, tali sentenza tghid ukoll :-

"Illi f'dan il-kaz l-azzjoni ta' libell ma tistax tirnexxi jekk ma jigix ippruvat li l-konvenut agixxa in mala fede bl-intenzjoni specifika li jimmalafama lil dak li jkun."

Illi ghalhekk, l-argumenti kollha mressqa mill-intimata huma bbazati fuq il-fatt jekk hija kienetx in malafede meta ghamlet ir-rapport lill-Ethics Committee u jekk riedetx taghmel malafama lir-rikorrent.

Il-Qorti tifhem li l-intimata setghet kellha r-ragunijiet taghha ghaliex thossha aggravata mid-deczjoni tal-MEPA li tohrog permess ghal-qariba taghha li kien ser jimpingi fuq il-propjeta taghha, u ghalhekk hija kellha kull dritt illi tappella minn tali permess.

Il-Qorti tifhem illi l-intimata setghet kienet irrabjata ghal fatt li l-appell minnha interpost kien gie differit mis-27 ta' Frar 2009 ghat-8 ta' April 2009, ghalkemm tara illi tali differiment ma kienx wiehed ta' diversi xhur kif qed tipprova tallega r-rikorrenti, izda kien wiehed ben ragjonevoli tenut kont tal-volum ta' xoghol illi tali Bordijiet ghandhom.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax tifhem ir-raguni ghaliex l-intimata ghazlet illi taghmel rapport lill-Ethics Committee dwar l-agir tal-Perit Conrad Thake u, aktar u aktar, xandret tali rapport mal-Prim Ministru kif ukoll mal-Membru tal-Parlament ta' l-Opposizzjoni li tahtu taqa' l-MEPA.

Illi huwa car li l-intenzjoni tal-intimata ma kienetx dik illi tilmenta dwar id-dewmien fil-proceduri quddiem il-MEPA u l-hrug tal-permess illi hija kienet qed tikkontesta, izda hija riedet timmalafama u tattakka l-integrita tar-rikorrent u thammgu ma' l-Awtoritajiet b'mod illi taghmillu hsara. Dana jidher car daqs il-kristall meta hija tghid:-

"Mr C Thake should not use the position he was trusted with to gain advantage for his client.

Illi huwa car li tali kliem kienu indikati unikament sabiex timmalafama lir-rikorrent, u ghalhekk tali kliem ghandhom jitqiesu bhala libelluzi.

**Ikkunsidrat**

Illi, ghal dak li jirrigwarda il-piena li ghandha tigi stabbilita ai termini tal-Art 28 tal-Kap 248, il-Qorti ghandha tara li tistabilixxi bilanc bejn il-hsara illi giet kommessa lir-rikorrent u il-vantagg illi ottjeniet l-intimata minn tali kummenti.

Illi, fil-kaz in ezami, ghalkemm tali kummenti inghataw pubblicita' peress illi intbghatu lill-Kumitat ta’ l-Etika tal-Periti kif ukoll lill-Prim Ministru u x-Shadow Minister, il-pubblicita' tista titqies bhala wahda limitata. Dana qieghed jinghad peress illi l-Qorti hija certa li l-Kumitat tal-Etika tal-Periti jara hafna ilmenti dwar Periti b'mod illi l-effetti ta' tali allegazzjonijiet certament ma kienux daqstant drastici daqs li kieku rahom persuna normali. Apparti minn hekk, kemm il-Prim Ministru kif ukoll is-Shadow Minister ghandhom jitqiesu bhala persuni illi huma kapaci jgharblu sew allegazzjonijiet illi jsirulhom u, kif jghid l-Ingliz, ghandhom ikunu kapaci "to read between the lines", b'mod illi, ghalkemm certament l-effetti ta' tali allegazzjonijiet kienu hemm, huma kapaci jifhmuhom fl-ambitu ta' dak kollu illi kien qieghed isir.

Dana kollu ma jfissirx illi l-libell ma sehhx jew li l-intimata ghandha tigi skuzata ta' dak li ghamlet, peress illi certament allegazzjonijiet ta' dana it-tip, meta jirrizulta ben car mill-fatti kollha li r-rikorrent agixxa korrettement fl-ahjar interess tal-gustizzja naturali, ghandhom jigu ikkundannati.

Tali konsiderazzjonijiet qed isiru biss ghal fini ta' kalkolu tad-dannu soffert mir-rikorrent.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha processwali u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Wara illi rat l-ittra mibghuta lill-Ethic Committee fis-7 ta' Marzu 2009.

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi;

Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimata u

Tilqa t-talbiet kollha atturi kif mitluba u, ai fini tal-artikolu 28 ta' Kap 248, tistabilixxi d-danni sofferti mir-rikorrent u li ghandhom jithallsu mill-intimata fil-valur ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) u ghalhekk;

Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) in linea ta' danni a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 248 kif ukoll ghandha thallas l-ispejjez kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------